# Bormla ta' Qabilna

minn Charles Clews

Kien hemm żmien meta ġurnali bil-Malti ftit kellna. Iżda ġurnali bl-Ingliż bħal *The Daily Malta Chronicle* u *The Malta Herald,* minħabba l-għadd kbir ta' Ingliżi tas-serviżżi kienu popolari: *The Malta Chronicle* tant hu hekk, mat-titlu kienet iżżid: *"And Imperial Services Gazzetta"* jekk ma jienx sejjer żball.

U dawn il-ġurnali kienu jġibu xi ħaġa ukoll ta' interess għall-Maltin u kont issib ukoll xi ħaġa fuq Bormla. Fost dawn insemmu meta darba, nhar ta' Sibt f'Lujlu, 1900, id-*destroyer* Ingliża *"Banshee"* hi u dieħla fil-Port il-Kbir, kienet laqtet dgħajsa li kienet sejra mill-Belt għall-Bormla, li fuqha kellha l-barklor u ibnu u ħdax-il passiġġier; ħames nisa, ħames irġiel u tifel. (*Daily Malta Chronicle,* 20 ta' Lulju, 1900)

It-tifel u raġel mietu u mara Bormliża, Jeneza Pace, ta' 45 sena minn Bormla, tilfet ħajjitha ukoll. Id-D.M.C. ukoll tħabbar li Bormla se tkun en fete lejliet il-festa tal-Kunċizzjoni. Fil-għaxija se jkun hemm illuminazzjoni ġenerali, u wirja kbira ta' logħob tan-nar. Mhux inqas minn sitt baned se jieħdu parti fil-fesa u l-mużika tal-knisja se tkun taħt Mro. Bugeja. (5/12/1900)

Fis-7 ta' Frar, 1906, insibu avviż li s-*St. John Baptist de la Salle College,* ta' 26, Strada Buon Giorno: il-*Brothers* ta' din l-iskola Kristjana f'Bormla, se jibdew kors għaż-żgħażagħ li jixtiequ jkomplu l-istudji tagħhom fil-Matematika, Ingliż, Franċiż, Taljan, Ġermaniż u Għarbi. Tagħlim profond tassew, għal dak iż-żmien!

Fl-istess ġurnal (25/7/1907) li l-*Brothers* tad-*De La Salle College* ħarġu inviti għal Matinée fit-Teatru Cottoner, li se jkun pressedut mill-E.T. Monsinjur Polamenti, Isqof ta' Ruspa.

Il-*Malta Herald (28/2/1906)* tħabbar il-mewt tas-sinjura Francesca Formosa, omm il-Professur Kanonku Giovanni Formosa, fir-residenza tagħha f'Bormla. Fl-istess ġurnal iħabbru (7/3/1906) li l-Fergħa Postali tad-Distrett tal-Kottonera kienet se tiġi trasferità għan-Nru 52, Strada San Paolo, Bormla.



*F'Bormla, ir-regatta tat-8 ta' Settembru minn dejjem kienet popolari. Dan ir-ritratt juri lil Pietru Farrugia (it-Tinet) u Karmenu Grech (tal-Posta) jieħdu l-ewwel fit-tiġrija ta' bi tnejn, ħaġa li għamlu 13-il darba.*

Id-D.M.C. (13/3/1906) twissi lis-sidien tal-klieb li klieb minghajr kullar u medalja se jibdew jinqabdu mill-pulizija. Il-klieb jittieħdu fid-*Dogs' Shelter* tal-Foss ta' San Ġakbu, Bormla.

## It-Tieni Sfida

Il-*Malta Herald* tal-5 ta' Ottubru, 1906, ħarġet b'din ir-ras (*The Second Challenge*) li jghid hekk:

"Aħna, il-qaddiefa ta' Bormla, ninsabu lesti mill-ġdid, li nġerru mal-ħbieb tagħna ta' Marsamxett, bid-dgħajjes tal-pass ta' bl-erbgħa, jew bil-kajjikki, kif jippreferu huma. Rigward il-post, il-premju u kondizzjonijiet oħra, applikaw f'Nru. 35, Strada Porta Burmola, Cospicua."

Id-D.M.C. (5/2.1907) tgħidilna li s-Sinjura Marì Anna Ellul, ferm stmata, mietet f'Bormla, ta' 66 sena. Ħalliet jibkuha lil uliedha Dr. John Ellul, l-ispiżjar Laurence Ellul, is-Sinjuri Paul u Robert u s-Sinjorina Mary, u l-kunjatu, Tenent F. Xerri de Caro, K.O.M.R.

Fil-lista tal-ġurati għax-xahar ta' Lulju, 1907, insibu lil Edgar Busuttil, spiżjar, Dr. Salvatore Diacono, spiżjar Francesco Ellul, u s-Sur Paolo Falzon (D.M.M. 15/6/1907).

Terġa' għal Awwissu 1907, insibu lil Prim Ġurat kien in-Nutar Salvatore Cauchi, minn Bormla, u Ġurati ordinarji is-Sur Enrico Ambrosio, is-Sur Francesco Pullicino u s-Sur Salvatore Sacco. (22/7/1907)

Ta' interess kienet ukoll il-banda San Giorgio ta' Bormla għall-*Malta Herald.* Insibu li f'Lujlu daqqet fil-Kalkara taħt Mro. P. A. Melilli, kif ukoll f'Ottubru f'Marsaxlokk, dejjem fl-1906 iżda meta l-Banda S. Ġorġ daqqet lejlet il-festa ta' l-Immakulata fl-1905, l-istess ġurnal xandar ukoll il-programm, li ndaqq fi *Piazzi Antico Mercato,* f'Bormla li hu interessanti li juri li ma kienux jindaqqu "bċejjeċ ta' l-opri tar-romblu", kif ġieli kien jingħad għal xi baned.



*Il-Banda bl-uniformi tax-Xitwa. Ritratt meħud fl-Bidu tas-Seklu Għoxrin.*

| | | |
|---|---|---|
| Marċ | La Poveraline | Sarria |
| Overture | Zanalta | Auber |
| Capriccio | Per Euphonium | Risi |
| Sunto Zaza | Leoncavallo | (rid. Mililli) |
| Grand Selection | L'Africana | Meyerbeer |
| Galop | Ricardo di Torino | Becucci |
| | Inno San Giorgio | |

Il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru 1907, d-*Daily Malta Herald* tgħidilha li Kumitat, jikkonsisti mill-Kan. Arċipriet Dr. D Giovanni Cauchi, President, is-Sur G. Mallia Milanes P.A.A., Segretarju, il-Kan. Dr. Antonio Camilleri, D.D., l-Avukat Emanuele Grech L.L.D., u s-Sur Antonio Cassar ġie ffurmat f'Bormla inkonnessjoni mat-twaqqif reċenti ta' fergħa tas-Soċjetà San Vinċenż de Paule.

Ferm aktar lejna naraw minn *The Times of Malta* (12/1/1956) lir-ras KOSPIKWAN

NEW CINEMA. Naraw li r-*Rialto Cinema* l-ġdida se tinfetaħ lejn tmiem Jannar (1956). Insibu li r-Rialto kien inqered bil-bombi Ġermaniżi, li se jitwieled mill-ġdid, b'kapaċità ta' 1,100 pultruna u dam sentejn biex inbena, bl-akbar żviluppi moderni. L-*iscreen Cinemascope*, se jkun twil 45 pied b'makkinarju ġdid li għalissa se jkun fornit b'kurrent mit-Tarzna lokali.

Il-Festa t-Tajba lill-Bormliżi kollha fil-bogħod u fil-qrib.

***Inqaddsu dawn il-jiem tal-festa u nuru l-qima tagħna lejn il-Kunċizzjoni billi nattendu l-funzjonijiet reliġjużi, nersqu lejn is-sagrament tal-Qrar u nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tqarbin***




George Zammit & Sons
Est. 1954

Religious Articles Suppliers

146, Old Bakery Str. Valletta
Tel: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Email: gzamson@onvol.net

Opening Hours:
Mon - Sat From 09:00 - 13:00

Aġenti Ewlenien ta': Ċera Likwida "Cera Dell' Eremo" (Riċetta komposta li ma toħloqx l-ebda dħaħen bi fjamma pulita) Damaski, Kalċijiet, Rigali, Pjaneti, Faham, Inċens, Stoli, Relikwarji.

Nissuplixxu: Knejjes, Katidrali, Mużewijiet, Każini, Sptarijiet, Ristoranti, Lukandi u Djar Privati.

Nagħtu Garanzija kif għamilna fil-passat fuq kull xogħol bħal ta' Damask Palma ġewwa knejjes u Katidrali tagħna. Nagħtu ukoll stimi għall kull tip ta' xogħol fuq dak kollu li tirrikjedi l-knisja.

TRASPORT PROVDUT MA' MALTA U GHAWDEX